**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 65/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmel Mallia**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmel Mallia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 211974(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-08 ta' Frar 2020 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu (08.00hrs) ġewwa Birkirkara:-

1. Bil-ħsieb li jikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' martu Claudette Mallia Farrugia, b'atti esterni, ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, iżda li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' martu Claudette Mallia Farrugia skont kif ġie iċċertifikat minn Dr Neville Vassallo Numru ta' Reġistrazzjoni 2500 taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara;

U aktar talli fl-istess jum u/jew fil-ġranet u fl-erba' xhur ta qabel, ġewwa Birkirkara u f'lokalitajiet oħra f'dawn il-gżejjer:-

3. Ta' fastidju lil martu Claudette Mallia Farrugia b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;
4. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Claudette Mallia Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha;
5. Għamel lil martu Claudette Mallia Farrugia inġurji u/jew theddid bil-mewt mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti ta' provokazzjoni;
6. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra il-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew tfixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor, kontra il-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;
7. Kiser l-Ordni ta' Protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġiet imposta fuqu mill-Maġistrat Dr A. Demicoli LL.D fid-Digriet tagħha datat it-23 ta' Settembru 2019;
8. Kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta Maġistrat Dr A. Demicoli LL.D fid-Digrieti tagħha datati 15 u 29 ta' Ottubru 2019.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmi reat, tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-Ħelsien mill-Arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Carmel Mallia, kif ukoll tordna li s-somma ta' €500 bħala depożitu u s-somma ta' €3000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li tittratta lill-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ġie misjub ħati u kkundannat għal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' martu Claudette Mallia Farrugia billi jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti kienet ukoll mitluba flimkien ma' ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni oħra, toħroġ Ordni ta' Trattament li jkun meħtieġ fil-konfront tal-akkużat Carmel Mallia u dan ai termini ta' l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 85, 214, 215, 216, 222(1)(a) 251A(1)(a)(b)(2), 251B(1)(2), 251H(a), 339(1)(e), 412Ċ(1)(11), 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lil Carmel Mallia mhux ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) akkuża iżda sabitu ħati tat-tielet

(3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) akkużi u kkundanatu għal piena kumplessiva ta' tliet (3) snin priġunerija effettiva u għall-multa ta' sebat' elef Ewro (€7,000). Fid-dawl ta' dan is-sejbien ta' ħtija u ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat illi d-depożitu fis-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) u l-garanzija personali fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) mogħtija fid-Digriet tal-Għoti tal-Ħelsien mill-Arrest tal-15 ta' Ottubru 2019 erogat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għandhom jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta fl-intier tagħhom. Illi, in oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għamlet ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Claudette Mallia Farrugia għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena mogħtija b'din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment. Illi, il-Qorti, ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-akkużat ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment mas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Mallia, ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tal-ewwel, tat-tieni u s-sitt imputazzjonijiet, u fejn sabitu ħati tal-ħames imputazzjoni u tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u minnhom tilliberah.

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Ritienne Sultana Grech, Dr Anton Grech u Fabian Mifsud.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju kontenut fir-rikors ta'l-appell, l-appellant jisħaq li t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu huma akkużi alternattivi għal xulxin, biex b'hekk ma setatx tinstab ħtija għaż-żewġ reati bil-konsegwenza li kellha tingħata piena waħda u mhux piena kumulattiva għat-tnejn li huma fit-termini ta'l-artikolu 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali .

Illi, fit-tielet imputazzjoni lilu addebitata, l-appellant kien mixli li nhar it-8 ta' Frar 2020 u/jew fil-ġranet u fl-erba' xhur ta qabel, ġewwa Birkirkara u f'lokalitajiet oħra f'dawn il-gżejjer, ta fastidju lil martu Claudette Mallia Farrugia b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għaliha skont kif masħsub fl-artiklu 251A tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad, fir-raba' imputazzjoni l-appellant kien mixli li fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil martu Claudette Mallia Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha. L-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Qorti ma setatx issib ħtija għal dawn iż-żewġ reati billi 'l wieħed huwa alternattiv għall-ieħor.

Illi, l-Ewwel Qorti wara li tiċċita s-sentenza mogħtija minn din l-Qorti, ta' nhar il-21 ta' Jannar 2016 fil-kawża fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs John Pace*", qieset illi dawn iż-żewġ reati ma jistgħux jitqiesu bħala alternattivi għal xulin iżda ikkonkludiet illi dan il-fattur għandu jittieħed in konsiderazzjoni biss ai fini ta' kalibrazzjoni tal-piena, u fil-fatt mill-parti deċiżorja tas-sentenza appellata jidher illi hija għaddiet biex tapplika id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali.

Jingħad biss illi, sabiex akkużi jew imputazzjonijiet jinqraw bħala li huma alternattivi għal xulxin dawn iridu jkunu kontradittorji fattwalment jew legalment, biż-żewġ reati jeskludu wieħed lill-ieħor. Issa r-reati tal-fastidju u tal-biża' tal-vjolenza ma humiex tali fl-elementi kostituttivi tagħhom li 'l wieħed jeskludi lill-ieħor, iżda huma komplimentari għal xulxin billi 'l hekk imsejjaħ *course of conduct* jista' iwassal mhux biss għal fastidju, iżda jista' jwassal ukoll biex il-vittma tar-reat tħossha mbeżża' li fil-futur hija tista' tkun assoġġetta għal xi forma ta' vjolenza, għalkemm jista' jinsorġi il-konkors formali tar-reati, billi att doluż uniku jista' jagħti lok għal iktar minn infrazzjoni kriminuża waħda, bil-piena li tingħata, iżda, tkun waħda u unika, għar-

reat l-iktar gravi. Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju, l-appellant jilmenta illi t-tielet imputazzjoni dedotta kontrih, u ċioe' dik tal-fastidju, ma ġiex ppruvat sal-grad rikjest mill-liġi u lanqas ma ġie ppruvat 'l hekk imsejjaħ "*course of conduct*" meħtieġ sabiex jissussisti r-reat. Huwa jgħid li l-inċident mertu tal-każ kien wieħed iżolat u semmai kellha tkun il-Prosekuzzjoni li tipprova li dan il-fastidju sar ukoll f'inċidenti preċedenti. Ukoll, fit-tielet aggravju minnu mressaq, l-appellant jilmenta li fir-rigward ir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih ma jirriżultawx l-estremi li trid il-liġi sabiex huwa jinstab ħati ta' l-istess. Jisħaq li mhux minnu li l-parti offiża kellha biża' minnu tant li ma ppruvatx taħrab minnu. Illi, stante li dawn l-aggravji t-tnejn li huma marbuta mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, ser jiġu trattati flimkien.

Illi, minn eżami tal-atti jirriżulta li nhar it-8 ta' Frar 2020, fil-ħin ta' filgħodu, il-parti offiża Claudette Mallia rrikorriet l-għassa tal-Pulizija fejn irrapurtat li zewġha Carmel Mallia kien heddidha u ħebb għaliha. Meta xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti stqarret li dakinhar tal-inċident, l-appellant kien rieqed u meta qam ħassu ma jiflaħx u hi qaltlu sabiex ma jmurx għax-xogħol. Tgħid li l-appellant xorta waħda insista li jmur u beda' jivvessaha bid-diskors. Illi, Mallia Farrugia kompliet tixhed li wara dan marret flimkien mal-appellant, ġewwa r-remissa taż-żwiemel, fejn l-appellant beda jitma lil wieħed miz-zwiemel tiegħu li, iżda ma bediex jikkopera miegħu. Il-parte ċivile tgħid li dak il-ħin l-appellant "**tgħidx kemm għajjat u beda jidgħi miegħi u jirrabja u qalli bħal issa naqbdek taħt idejja u ngħafġek insomma u ħafna paroli minn dawn l-affarijiet, jheddidni**" ... "**li jsawwatni, ittini affarijiet hekk. Qalli u nwaddablek ix-xugaman għall-wiċċek u affarijiet li jidgħi u jgħid s-soltu affarijiet**". Tispjega li llargat għal ftit imbagħad marret lura biex tara jekk kienx ikkalma u offrietlu kafe' iżda l-appellant ma ridx jaf - "**tgħidx kemm offendini u għajjarni**"... "**U waddabli x-xugaman qalli itlaq minn quddiem għajnejja qalli għax bħal issa kieku qiegħda taħt idejja noqtlok**". Mallia Farrugia kompli tixhed li wara

dan l-appellant avviċinaha u talabha għaċ-ċwievet tad-dar tagħha u qalilha d-diskors, "**ara kif ħa tidħol**". Hija tgħid li dak il-ħin pruvat tieħu ċ-ċwievet lura imma:-

> "**ġie fuqi hu jimbuttani, ħatafomli minn idi. Iċ-ċwievet mill-keychain qaċċatomli għax kelli xi 8 pari ċwievet, qaċċatomli u waddabomli fl-istalla taz-ziemel li ma kienx hemmhekk ... u jiena għidtlu għalfejn għamiltli hekk? U kif dar biex jaħtafni biex isawatni qbadt il-bieba tal-istalla, imbuttajta u ħrabt niġri l-barra. U qgħadt nistenna ftit fit-triq. X'ħin ħareġ bil-karozzin għidtlu tini ċ-ċwievet tad-dar biss għidtlu għax mhux ser nibqa' kif jien bil-boots, b'xari mħabbel u bit-trab taċ-ċana taz-ziemel. Qalli jiena sejjer jekk trid skuzi l-espressjoni hekk qalli quddiem in-nies għax semgħuh in-nies barra, qalli jiena sejjer għax-xogħol qalli jekk trid oqgħod ġurnata barra ja kornuta hekk u telaq.**"

Kien dak il-ħin li l-vittma rrikorriet l-għassa tal-Pulizija.

Illi, il-parti offiża kompliet tispjega li dan ma kienx inċident iżolat għaliex l-appellant kien ta' sikwit jgħajjarha u jheddida u li meta jagħmel hekk l-imġieba tiegħu tkun waħda ta' rabbja:–

> "**Rabja ħafna, ħafna rabja li jekk ikollu jgħamillek xi ħaġa dak il-ħin ma jkunx jaf jintilef. Wara kif jiġi f'sensih all right qisu qatt ma kien xejn. Imma dak il-ħin iwa jekk ikollu jagħmillek oġġett jagħmilulek**".

Xehdet li wara li l-appellant kien ħareġ mill-ħabs għall-ħabta ta' Ottubru:-

> "**...jiena ippruvajt kien jiġi d-dar jibkili wara l-bieb biex indaħħlu u kien jiġi bilejl ma jitlaqx u għidt ħa ntih ċans ieħor tal-aħħar. Għidt, għidtlu għamiltlu l-kundizzjonijiet li jekk jerġa' jagħmel oġġett ieħor, lejn wiċċi u lejn id-dar iktar ma jħarisx għax jiena ma nistax nibqa, ilni 25 sena sejra f'din il-ħajja miegħu. Mort nagħmel xagħri qabel il-milied u daħħal f'moħħu x'ħin ġejt mingħand il-hairdresser li jiena xagħri għamiltu aħmar mentri xagħri għamiltu l-kulur naturali tiegħi kannella. Baqa' jgħidli li jiena, u tgħidx x'għamel fuq il-bejt kemm ta bil-ponn mal-ħajt u tgħidx kemm dagħa u qalli li kieku ma qegħdiex bil-protezzjoni u m'hemmx il-Pulizija mdaħħlin fin-nofs bħal issa noqtlok taħt idejja jiġifieri...**".

Tgħid li l-appellant kien jiġġieled ħafna mat-tifla ukoll.

Illi, mistoqsija x'seta' wassal l-appellant sabiex beda jheddidha malli qam fil-għodu, hija spjegat li lejliet kienet qed tara t-*television* baxx biex ma tqajmux u kien hemm il-programm ta' Xarabank li kien qed jittrata l-abbuż tan-nisa. Tgħid li l-appellant stenbaħ u meta ra x'kienet qed tara qalilha "**...x'inti tara u toqgħod timla moħħok u**

**ħafna ħsibijiet biex idaħlulek f'moħħok zejda u ħafna kummidji minn dawn m'għandekx xi tridhom**". U baqa' bin-nervi sa filgħodu.

Illi, l-parti offiża ġiet mistoqsija kif kienet tħossha meta kienu jseħħu dawn l-episodji, fejn hija wieġbet:

> **"Ifhem ħeqq bezgħana- erġajt għax meta ħareġ mill-ħabs tagħjtu ċans għidt forsi u qagħad naqra kwiet qisu kkalma imma kif għadda l-Milied qisu reġa' faqqa, skatta xi ħaġa oħra fih u reġa' nbidel. Reġa' beda jheddidni, anke fuq it-telefone jheddidni li ħa jqabbad lil xi ħadd u joqtolni fit-triq mentri hu meta jkun ix-xogħol il-Belt iqabbad lil xi ħadd u joqtolni. Jew jgħidli jimbuttani t-taraġ, jiġifieri mhux darba li saret li mbuttani t-taraġ imma l-bambin dejjem ħabbni u ma ġralix accidents kbar jiġifieri. Imma dan l-aħħar erġajt bdejt nibza' qas norqod kont bilejl. Ġieli nagħmel sat-tlieta ta' filgħodu jew norqod bilqegħda biex, għax kont nibza ngħid ma jmurx itih xi ħaġa u joqtolni peress li kien jifgani bl-imħadda. Ngħid ma jmurx peress li kien joqgħod jheddidni li ħa jsib lil xi ħadd u joqtolni jien naf inqum bilejl heq bniedem ma tistgħax tgħid u jifgag bl-imħadda**".

Tispjega li bdiet tħoss dina l-biza għal ħabta ta' Jannar 2020.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fir-rigward tar-reat tal-fastidju imfassal fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, it-tagħlim ġurisprudenzjali spiss jafferma illi:

> **"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali. "Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**
>
> *'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs 6 Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual*

*which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.[1]"*

Illi, hekk kif ġie ritenut fis-sentenza ta' din l-Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" datata 21 ta' Ġunju 2007 –

**".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."**

Illi, minn naħa l-oħra, ir-raba' imputazzjoni addebitata lill-appellant hija dik misjuba fl-Artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali. Illi, fis-sentenza deċiża minn din l-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb, datata 29 t'Ottubru 2021, ġie ritenut li -

**Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "*lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet*". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda.[2]**

**'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:**

*"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

**L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-**

[1] "Il-Pulizija vs Carmelo Vella" mogħtija minn dina l-Qorti nhar l-14 ta' Mejju 2012

[2] Il-Pulizija vs Raymond Coleiro deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta millImħallef David Scicluna, Ref. 205/11.

**subartikolu (1) tieghu, hekk: "*A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…*"**

**Il-kliem "*on each of those occasions*" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "*on at least two occasions*". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "*on at least two occasions thallew barra*". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:**

***'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'***

**"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "*course of conduct*" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din ilkawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi.**

Illi, spjanat dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, u kkunsidrati l-provi in atti din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tinsab moralment konvinta mill-ħtija tal-appellant kemm fir-rigward tat-tielet imputazzjoni kif ukoll fir-rigward ir-raba' waħda. Jibda billi jingħad li l-appellant huwa zbaljat meta jiddeskrivi dana l-inċident bħala "*wieħed izolat*". L-ewwelnett, dakinhar tat-8 ta' Frar 2020 seħħew diversi episodji wara xulxin fejn l-appellant ta fastidju lil martu. Il-parti offiża inoltre xehdet kif f'diversi okkażjonijiet preċedenti dik id-data, l-aġir tal-appellant fil-konfront tagħha kien tali li

ffastidjaha. Mhux biss, iżda huwa ampjament ippruvat li t-theddid, il-kliem aggressiv u l-aġir tal-appellant fil-konfront ta' martu rrekawlha biza' kbira, tant li saħansitra xehdet li kien hemm drabi fejn ma kinitx torqod għax kienet tibza' li ħa jifgagħha bl-imħadda.

L-appellant minn naħa tiegħu jisħaq li martu ma kenitx tibza' minnu għax ma ħarbitx minnu. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt f'każijiet ta' vjolenza domestika ma jsarrafx f'xi dubbju dwar l-abbuż li jseħħ, u dan għaliex il-vittma ħafna drabi tispiċċa tqis li m'għandiex triq oħra ħlief li tibqa' taħt il-madmad ta' min ikun qed jabbuża minnha u li jekk tipprova titibiegħed minnu dan xortawaħda jibqa' isegwieha bil-konsegwenzi jistgħu ikunu ferm agħar.

Illi l-vittma f'dan il-każ tirrakkonta li kienet ilha 25 sena għaddejha minn dan il-martirju kkaġunat mill-appellant u tatu diversi opportunajiet sabiex jirranġa għemilu, anke dakinhar stess tat-8 ta' Frar 2020. Dan ma jfissirx pero' li l-aġir tal-appellant huwa għalhekk skużat jew ġustifikat u l-fatt li l-vittma baqgħet tittama li jinbidel ma jnaqqas xejn mill-aġir vjolenti tiegħu fil-konfront tagħha. Il-biza' kbira li kkaġuna l-appellant lil martu hija anke dokumentata permezz taċ-ċertifikat mediku datat 8 ta' Frar 2020 fejn wara l-inċident in kwistjoni, il-Professur Neville Vassallo MD iċċertifika li l-vittma kienet qed issoffri minn "**xokk qawwi u rogħda**".

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Qorti ma ssib xejn sindikabbli fis-sentenza appellata fir-rigward is-sejbien ta' ħtija fil-konfront tal-appellant għat-tielet u r-raba mputazzjonijiet dedotti kontrih. Jikkonsegwi għalhekk, li t-tieni u t-tielet aggravji mressqin mill-appellant ma jistħoqqilhomx akkoljiment u qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta ukoll dwar is-sejbien ta' ħtija għall-addebitu tar-reċediva. Huwa jsostni li l-unika prova li tressqet mill-prosekuzzjoni kienet is-sentenza datata 21 ta' Jannar 2017, liema sentenza kienet titratta offiza ta' natura kontravenzjonali u għalhekk ma tistax titqies ai fini tar-reċediva.

Illi, fil-mori tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, l-iSpettur Andrew Agius ippreżenta zewġ sentenzi, waħda datata 15 ta' Marzu 2013 fejn l-appellant kien ikkundannat għal sitt xhur priġunerija sospiżi għall-sentejn u multa ta' elfejn ewro, u oħra datata 31 ta' Jannar 2017 fejn l-appellant kien kkundannat iħallas ammenda ta' mitt ewro. Illi minn eżami ta'l-atti ma jidhirx illi tressqet xi prova li l-multi u l-ammenda imposta fuq l-appellant ġiet minnu mħallsa u kwindi hija nieqsa il-prova li din il-piena llum hija waħda skontata. Illi mbagħad is-sentenza sospiża mogħtija fl-2013, kienet skontata fil-15 ta' Mazru 2015 sabiex b'hekk it-terminu ta' ħames snin indikat fl-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx laħaq iddekorra fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni tat-08 ta' Frar 2020[3], sabiex b'hekk l-aggravju marbut mar-reċidiva ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta ukoll dwar is-sejbien ta' ħtija għat-tmien imputazzjoni fejn kien misjub ħati li kiser il-kundizzjonijiet marbutin mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest fi proċeduri separati, għaliex jikkontendi li fil-mument li l-każ kien deċiż mill-Ewwel Qorti huwa ma kienx għadu marbut b'dawn il-kondizzjonijiet billi dawn il-proċeduri kienu għaddew in ġudikat. Jikkontendi inoltre li ma tressqet ebda prova li tindika d-data meta il-każ li fiha huwa kien konċess dan il-ħelsien mill-arrest kien ġie deċiż u allura jekk dan kienx averra ruħu qabel ma kien tressaq il-Qorti fil-11 ta' Frar 2020 jew wara.

Illi, mix-xhieda ta' Stephania Testa Calafato jirriżulta li l-appellant ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet nhar il-15 ta' Ottubru 2019 fil-kumpilazzjoni bin-numru 583/19. Tali kundizzjonijiet kienu sussegwentment varjati nhar id-29 ta' Ottubru 2019. Il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati nhar il-25 ta' Frar 2020, minn liema decizjoni l-appellant kien intavolat appell, liema appell kien għadu pendenti sa nhar it-28 ta' Novembru 2022. Għalhekk, l-appellant m'għandux raġun meta jgħid li fil-parametri temporali taċ-ċitazzjoni odjerni, u ċioe' nhar it-8 ta' Frar 2020 u/jew fil-ġranet u fl-erba' xhur ta qabel, l-kawża li fiha ngħata l-liberta' provizorja kienet għaddiet in ġudikat, u dan għaliex fid-dati bejn it-8 ta' Ottubru 2019

[3] Artikolu 28F Kodiċi Kriminali

u t-8 ta' Frar 2020, l-appellant kien għadu marbut bil-kundizzjonijiet mogħtija lilu mal-għotja tal-ħelsien mill-arrest, fosthom li ma jikkometti l-ebda reat volontarju kif ukoll li ma jiksirx il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni ġja mposta fuqu u għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta ukoll illi huwa ma kellux ikun misjub ħati tal-ksur tal-Ordni tal-Protezzjoni li kienet imposta fuqu taħt l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid li l-iskop ta' dak l-Ordni kien illi huwa jkun miżmum milli javviċina lil martu, madanakollu din l-imposizzjoni ma baqgħetx fis-seħħ mal-mument li kien hemm rikonċiljazzjoni bejniethom, liema rikonċiljazzjoni seħħet proprju fuq istigazzjoni ta' martu stess. Ukoll jikkontendi li ma tressqet ebda prova li tissostanzja dan il-ksur ukoll għaliex l-imsemmi Ordni ta' Protezzjoni qatt ma kien eżebit in atti.

Illi, jibda biex jingħad illi, kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, kopja tal-Ordni ta' Protezzjoni in diżamina huwa fil-fatt ezebit in atti u datat it-23 ta' Settembru 2019, liema Ordni kellu jibqa' fis-seħħ sas-sentenza finali. Dan l-Ordni kien eżebit mill-iSpettur Andrew Agius fis-seduta ta' nhar il-11 t'Ottubru 2022. *In oltre*, il-kundizzjonijiet marbuta ma' tali ordni kienu s-segwenti -

(a) **Tibbrojbixxi jew tirrestrinġi lill-akkuzat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Claudette Mallia Farrugia**
(b) **Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkuzat għal perijodu ta' mhux izjed minn 6 xhur jew sas-sentenza finali, ġewwa l-fond fejn tirrisjedi, taħdem jew tiffrekwenta Claudette Mallia Farrugia kif ukoll jekk l-akkuzat ikollu xi interess legali f'dak il-fond**
(c) **Tipprojbixxi lill-akkuzat milli jikkuntatja jew jimmolesta lil Claudette Mallia Farrugia.**

Issa, huwa minnu li, hekk kif ammess mill-parti offiża, hija u l-appellant kienu ppruvaw jirrikonċiljaw meta huwa ħareġ mill-ħabs. Huwa minnu ukoll li l-partijiet kienu qegħdin jerġgħu joqgħodu fl-istess residenza u huwa minnu ukoll li r-restrizzjoni li l-appellant ma jkunx fir-raħal ta' Birkirkara kienet tneħħiet wara dikjarazzjoni bil-miktub ta' martu, li taqra hekk: –

**Jiena, Claudette Mallia Farrugia, detentriċi tal-karta tal-identita' numerata 130876M, residenti Triq San Giljan, Birkirkara, mart Carmel Mallia detentur tal-karta tal-identita' numerata 211974M, niddikjara illi m'għandi l-ebda oġġezzjoni illi zewġi jingħata l-awtorizazzjoni mill-Qorti sabiex jibda' jidħol ġewwa r-raħal ta' Birkirkara sabiex fost oħrajn, jagħlef, joħroġ, jarma u jieħu ħsieb iz-zwiemel tiegħu illi huwa għandu bzonn minħabba in-natura tax-xogħol tiegħu bħala kuċċier.**

Illi, kif jemerġi mill-provi jidher illi kien l-appellant li, hekk kif ħareġ mill-ħabs, kien imur wara l-bieb tad-dar fejn kienet tgħix martu jibkielha biex jerġgħu jirrikonċiljaw. Dan l-aġir waħdu jwassal għal ksur tal-Ordni anke jekk sussegwentement martu ċediet għal pressjoni tiegħu u aċċettatu lura d-dar u bdew joqgħodu fl-istess residenza flimkien. Abbinat ma' dan, imbagħad, l-appellant kien marbut b'kondizzjoni oħra u ċioe' li huwa ma jimmolestax lil martu, liema kondizzjoni huwa kiser tant li spiċċa għal darb'oħra mixli bi vjolenza domestika fejn, kif ingħad, huwa ppruvat ampjament li fil-parametri temporali taċ-ċitazzjoni *de quo*, bl-aġir tiegħu, l-appellant ripetutament immolesta lill-vittma, fejn saħansitra heddidha u kkaġunalha biza' ta' vjolenza. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li jirriżulta ukoll dan il-ksur imputat u għalhekk anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jikkontendi li din kienet waħda eċċessiva u mhux idoneja fiċ-ċirkostanzi

Illi, huwa indubitat illi l-piena li għaliha kien ikkundannat l-appellant mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-liġi u tirrispekja l-fatti speċi tal-każ odjern, minn fejn jemerġi xenarju ta' vjolenza doemstika pperpetrata mill-appellant għal snin twal fil-konfront ta' martu u għalkemm kien diġa' kkundannat għall-aġir abużiv tiegħu, f'iktar minn okkażjoni waħda, huwa xortawaħda baqa' jippersisti fl-imġieba devjanti tiegħu. Illi kif tindika tajjeb l-Uffiċjal tal-*Probation* Ritianne Sultana Grech fir-rapport tagħha, Dokument RG, eżebit quddiem din il-Qorti jidher illi l-appellant għandu problema fl-imġieba tiegħu fejn jesterna ta' spiss ir-rabbja tiegħu u li kwindi għad

għandu bżonn it-trattament qabel ma l-Qorti tagħtih affidament. *In oltre,* l-appellant ma jressaq ebda raġuni valida li tista' twassal lil din il-Qorti tkun klementi miegħu, kif lanqas iressaq ebda prova li turi li huwa qed jindirizża din il-probema tant illi l-imsemmija Uffiċjal tikkonkludi illi:

> **"Jinħass il-bżonn li l-akkużat jifhem il-gravita' tar-reati vjolenti sabiex ma jerġax iseħħ każ ta' natura simili minn naħa tiegħu."**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**